MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2008

Numru. 424/2004

Il-Pulizija
(Sp Josric Mifsud u Sp Dennis Theuma)
vs
Konrad Borg, iben Joseph, imwieled San Ġiljan fis-16 ta' mejju, 1976
u
Joseph Farrugia, iben Nazzareno, imwieled Pieta' fis-16 ta' marzu, 1964

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli f'dawn il-Gżejjer bejn id-29 ta' lulju, 2002 u it-2 ta' awissu, 2002 fl-Isptar Ġenerali San Luqa, Gwardamangia, b'diversi atti ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi, u li kienu ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħhom, jew

b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġunaw il-mewt ta' Line Marie Andersen.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputati li jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta' frar, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazjzoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija taħt dak li hemm maħsub –

a. fl-artikoli 18 u 225 tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija barra kull ċirkostanża oħra.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputati bil-ġurament.

Rat il-process verbal u id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati.

Ikkunisdrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Line Marie Andersen, tfjla ta' erbatax il-sena, ta' nazzjonalita' norveġizja, kienet hawn Malta għal btala u biex titgħallem l-ingliż. Hi kienet qed jieħu t-taħriġ tagħha l-Kulleġġ ta' San Alwiġi, Birkirkara.

Illi fil-ġurnata tad-29 ta' lulju, 2002 Karina Larson, li kienet toqgħod fl-istess dar magħha, innotat li meta marru l-kulleġġ Line Marie, fi kliemha, "seemed dizzy". Hi xehdet li Line Marie kellha bżonn tmur il-banju iżda Line Marie qatt ma waslet hemm għaliex skond dak li qal l-għalliem tagħhom ikkolassat. Fil-fatt jirrizulta li hi ħarġet mill-klassi. Mario Bugeja, li kien qed jgħallem fi klassi oħra sema' ħoss ħareġ jitawwal u sab lil din it-tfjala mal-art. Hu mar igħid b'dan l-inċident lil Andy Catania, għalliem ieħor iżda mhux l-għalliem tagħha. Dan l-inċident ġara għal ħabta

tad-9.00 a.m. Andy Catania osserva li din it-tfajla kienet mal-art, mitlufa minn sensieha u kienet qiesha qed titriegħed. Hu qabdilha idejha, hi bdiet tagħafas idu u taqleb għajnejha. Waqt li hu kien magħha hi għaddiet ukoll diarrhea iżda ma rrmettitx. Għalhekk sejħu għall-ambulanza u ċemplu lill-leader tagħha, li hi barranija. Xehed ukoll illi meta ġew il-paramediċi fuq il-post hu ma kellimhomx. Lilu ħadd ma kellmu.

Illi skond in-nurse Mary Bezzina, li kienet ma l-ambulanza, hi u il-personnel l-ieħor waslu l-kulleġġ għal ħabta tad-9.10 a.m. Huma sabu lit-tfajla mal-art mimlija diarrhea. Hi staqsiet lil min kien hemm x'kien ġara iżda ħadd ma qallha xejn. Persuna qaltilha li t-tfajla qamet bex tmur il-banju u ta ħass ħażin. Fil-frattemp waslet il-leader u din ta' l-aħħar spiċċat fl-ambulanza twassal lil Line Marie. Waqt li kienu fl-ambulanza Mary Bezzina xehdet li bdiet isaqsi xi domandi lill-leader li bin-norveġiż kienet qed tikkomunika mal-pazjenta. It-tfalja qalet li kienet muġugħa f'żaqqha u kif waslu l-isptar hi bidet tirremetti. Il-pazjenta dehret normali iżda għajnejha kienu magħluqa. Kif waslu l-isptar tat 'hand over' lil Sonia Chetcuti u it-Tabib Dr. Konrad Borg. L-unika ħaġa li qalet lil dawn it-tnejn min-nies kienet li sabet lill-pazjenta mal-art wiċċha 'l isfel bid-diarrhea.

Illi Line Marie Andersen ġiet ammessa d-dipartiment ta' l-emerġenza ta' l-Isptar San Luqa dak in-nhar stess, skond ir-records, għal ħabta tad-0952.

Illi l-ewwel tabib li ra lill-pazjenta kien Dr. Konrad Borg, wieħed mill-imputati. Wara li għamel l-ewwel tests hu ġabar l-istorja tagħha. Il-pazjenta kienet titkellem b'ingliż sempliċi. Minnha rrizulta li l-pazjenta kellha d-diarrhea għal dawk l-aħħar jumejn qabel ma ġiet rikoverata. Waqt li kienet fid-dipartiment ta' l-emergenza ivvomtat diversi drabi u kellha tlett attakki ta' diarrhea. Dr. Konrad Borg għamel it-tests neċessarji u minn hemm ħarġet djaġnosi provvissorja ta' gastroenteritis.

Illi wara li saret din id-djagnosi, Dr. Konrad Borg iddeċida li l-aħjar post għal din il-pazjenta kienet is-sala Sir Temi Zammit għaliex ir-ratio ta' nurses għal numru ta' pazjenti

hu aħjar mis-swali l-oħra.  Skond Dr. Konrad Borg il-pazjenta ġiet ammessa f'din is-sala għal ħabta tas-1.00 p.m.  Xhud ieħor tgħid li l-pazjenta ġiet ammessa fis-1.30 p.m.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li t-tabiba Dr. Elaine Agius semgħet b'dan il-każ għal ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofs in-nhar meta Dr. Konrad Borg kien ċempel u infurmaha li kien ser idaħħal il-pazjenta fis-sala Sir temi Zammit.  Infurmaha b'dak li kellha u talabha biex hi wkoll tinvistha peress li kien inkwetat fuq il-kondizzjoni tagħha. Jirrizulta li Dr. Elaine Agius rat lill-pazjenta għal ħabta tas-2.00 p.m. Skond it-tabiba kien hemm komunikazzjoni magħha, kif ukoll mal-'group leader'.  Xehdet ukoll li Dr. Konrad Borg kien infurmaha li l-Glasgow Coma Scale kien ta' bejn 12 u 13.  hi ezegwit l-istess test u l-konkluzjoni tagħha kienet ukoll ta' bejn 12 u 13.  Wara li Dr. Elaine Agius eżaminat lill-pazjenta hi ħasbet li kellha aktar minn sempliċi gastroenteritis u għalhekk sejħet lis-senior tagħha.

Illi s-senior in kwistjoni kien Dr. Joseph Farrugia, it-tieni imputat f'dan il-każ.  Hu wasal ħdejn il-pazjenta għal ħabta tas-2.30 p.m.  Dr. Joseph Farrugia staqsieha, fost affarijiet ohra, jekk hi kinitx eżaminat ras il-pazjenta.  Skond Dr. Elaine Agius wieġbet fin-negattiv u għalhekk Dr. Joseph Farrugia eżamina ras il-pazjenta għal xi frattura iżda ma sab xejn anormali.  Waqt l-eżami minn dawn iż-żewġ tobba l-pazjenta rremettiet u għaddiet diarrhea.  Il-pazjenta kienet imheddla aktar milli wieħed jistenna fiċ-ċirkostanżi.  Dr. Joseph Farrugia ra x'kien sar fl-emergenza u staqsa wkoll lill- Dr. Elaine Agius.  Hu xehed fil-kors ta' l-inkjesta maġisterjali li jaqbel mija fil-mija mat-trattament li ngħatat din il-pazjenta fid-dipartiment ta' l-emergenza.  Dr. Joseph Farrugia ordna li jsiru diversi tests fosthom il-'frontline test' għal prezenza ta' droga.  Il-'frontline test' ta rizultat pozittiv għal prezenza tad-droga.

Illi Dr. Joseph Farrugia ġie nfurmat bir-rizultat tal-'frontline test' għal ħabta tas-6.30 p.m.  Fuq l-iskorta ta' dan ir-rizultat Dr. Joseph Farrugia flimkien ma Dr. Elaine Agius marru l-ITU fejn kellmu lit-tabiba Dr. Alison Gera,

konsulent fl-anestesija fl-ITU. Hu rrepta kollox lill-Dr. Alison Gera u sa dak il-ħin il-Glasgow Coma Scale kien ta' 10. Dr. Alison Gera ammetiet il-pazjenta l-ITU.

Illi l-pazjenta daħlet fl-ITU għal ħabta tal-10.00 p.m. tad-29 ta' Lulju, 2002. Dr. Alison Gera ma ratx il-pazjenta mal-ewwel u ħalliet istruzzjonijiet biex f'każ li tiddeterjora tiġi nfurmata minnufih. Xehdet li s-senior registrar tagħha Dr. Renick kien qed jieħu ħsiebha.

Illi l-għada, 30 ta' Lulju, 2002, għal ħabta tas-6.00 a.m. kien ġiet infurmata mill-istess Dr. Renick li l-pazjenta kienet qed tiddeterjora. Ġiet infurmata li hu kien irranġja biex isir CT scan ta' l-pazjenta. Il-CT scan ma kienx għadu sar għaliex skond Dr. Alison Gera kellhom żewġ fatturi u cioe' il-prezenza tad-droga u is-sitwazzjoni neuroloġika sa dak il-ħin kienet għada mhux daqstant, severa.

Illi r-rizultat tal-CT scan wera 'gross brain oedema u emoraġġija żgħira 'sub dural' fuq in-naħa tax-xelluq.

Illi minħabba l-prezenza ta' l-oedema Dr. Alison Gera kellmet lit-tabiba Dr. Johanna Van Der Laat, consultant neuro surgeon, li min-naħa tagħha qalet li ma ratx il-ħtieġa li l-pazjenta tiġi operata minħabba l-fatt li n-nefħa kienet żgħira wisq.

Illi għal ħabta tas-7.10 a.m. tat-30 ta' Lulju, 2002 ġie nfurmat Dr. Edgar Pullicino, konsulent fil-mediċina, mis-senior registrar on call, it-tabib Dr. Shah li kien hemm tfajla ta' erbatax il-sena li ġiet trasferita l-ITU wara li kienet ammessa l-ġurnata ta' qabel, jiġifieri fid-29 ta' Lulju, 2002. Dr. Edgar Pullicino daħal għax-xogħol għal ħabta tas-7.45 a.m. u meta mara jaraha kienet mitlufa min-sensieha. Ra r-rizultati tal-CT scan u fil-fehma tiegħu l-frattura li ġiet rilevata wara fl-ebda ħin ma tispjega n-nefħa tal-moħħ li kien hemm. Hu tkellem mat-tabiba Dr. Vicky Mifsud, konsulent fin-newrologija, li kkonfermat li kien hemm infjamazzjoni fil-moħħ.

Illi saru żewġ brain stem tests bħala proċedura qabel ma tiġi dikjarata l-mewt.

Illi l-pazjenta mietet fit-2 ta’ awissu, 2002 għal ħabta tas-2.00 a.m.

Illi min-naħa tad-Dipartiment tat-tossikoloġija jirrizulta li fit-30 ta’ lulju, 2002 instab kampjun għall-analiżi mibgħut mill-ITU għal ħabta tat-8.30 a.m. Għal ħabta tad-9.00a.m. Dr. Alison Agius kellmet lill-Dr. Michael Sammut li kkonferma li l-kampjun rrizulta li kien fin-negattiv. It-tabiba kienet inkwetata għaliex il-‘front line test’ li kien għamlu ħaddieħor kien ħareġ posittiv.

Illi wara li saret l-awtopsja fuq il-kadavru ta’ Line Marie Anderson irrizulta li l-kawża tal-mewt hi dovuta għall-‘intra-cranial haemorrhage followed by thrombosis and severe cerebral oedema due to a linear skull fracture’. Kellha wkoll frattura tal-għadma parietali tax-xelluq.

Illi fil-qosor dawn huma l-fatti li taw lok għall-kawża odjerna u għall-akkuża miġjuba kontra l-imputati. Issa għandha tiġi valutata l-pozizzjoni ta’ kull wieħed mill-imputati.

Illi l-ewwel tabib li nvista l-pazjenta kien l-imputat Dr. Konrad Borg fid-dipartiment ta’ l-emergenza. Ir-rwol ta’ Dr. Konrad Borg hu li jara fl-ewwel lok x’seta’ kellha Line Marie Andersen. Fil-fehma tiegħu hu għamel dak kollu li seta’ jagħmel fiċ-ċirkostanżi. Dr. Robert Camilleri offra x-xhieda tiegħu f’din il-kawża. Fil-fatt hu l-prinċipal ta’ dan l-imputat. Fil-kors tax-xhieda tiegħu Dr. Camilleri spejga fit-tul ir-rwol ta’ tabib fid-dipartiment ta’ l-emergenza. L-iżjed ħaġa importanti f’dan il-każ hu jekk l-imputat segwa l-protokolli mediċi tal-każ. Hu xehed li fil-fehma tiegħu Dr. Konrad Borg segwa dak kollu li hemm miktub fil-job description u li mill-aspett amministrattiv kien korrett f’kull parti mid-doveri tiegħu u ma naqas fl-ebda parti minnhom.

Illi l-esperti mediċi li mexxew l-inkjesta maġisterjali ikkumentaw li meta l-pazjenta waslet l-isptar it-tabib ma ngħatax l-informazzjoni kollha li setgħat tinġabar minn fuq

il-post ta’ l-inċident għas-sempliċi fatt li din ma nġabritx. Minbarra dan, l-esperti huma tal-fehma li sar “an improper assessment of the patient” u taw ir-raġuni għal dan il-fatt. Innotaw ukoll li kien hemm għaxar kliem jew figuri li ġew ikkanċellatti fil-‘casualty sheet’ u ta’ dan ma ngħatatx spjegazzjoni sodisfaċenti. Mhemmx dubju li dawn il-kaċellamenti fil-‘casualty sheet’ jekk kellhom isiru kellhom iħallu l-kliem u figuri leġibbli iżda dan in-nuqqas amministrativ għandu jkun direttament relatat ma dak li ġara finalment, jiġifieri l-mewt tal-pazjenta. Fil-każ in eżami, l-imputat, Dr. Konrad Borg kien l-ewwel tabib li ra l-pazjenta. Wara li spiċċaw it-tests li kellhom isiru, l-pazjenta ġiet taħt il-kura ta’ tobba oħra u jekk kien hemm xi ħaġa li ma kinitx f’postha, kien il-kompitu tagħhom li jaraw li jagħmlu tests oħra biex jekk ikun il-każ ibiddlu l-ewwel djanjożi li ħejja Dr. Konrad Borg.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li sensiela oħra ta’ tests saru li orjentaw il-kura tal-pazjenta f’ċerta direzzjoni. Direzzjoni li sussegwentement kienet errata għaliex ir-rizultat tal-‘frontline test’ kien pożittiv u l-għada nstab li l-pazjenta ma kienet tbagħti minn ebda ‘overdose’. Għalhekk, f’dawn iċ-ċirkostanżi wieħed ma jistax jasal għall-konkluzjoni li Dr. Konrad Borg kien traskurat, negliġenti jew wera nuqqas ta’ ħila fil-professjoni tiegħu fil-kura tal-pazjenta in eżami. Skond l-esperti ċertu parametri li ġew riskontrati fil-pazjenta ma ġewx meħuda f’konsiderazzjoni iżda lanqas it-tobba li raw lill-pazjenta wara ma taw interpretazzjoni esawrjenti tal-kondizzjoni tal-pazjenta.

Illi l-pozizzjoni ta’ l-imputat, Dr. Joseph Farrugia hi aktar sempliċi. Hu kien ġie nfurmat b’din il-pazjenta mit-tabiba Dr. Elaine Agius. Hu eżamina l-pazjenta anki għal xi frattura fir-ras iżda meta eżaminaha ma ħass ebda frattura fir-ras. Bil-kemm dehret fil-CT scan li sar ħafna wara minn tobba oħra. Hu ġie svijat mir-rizultat tal-‘frontline test’. Hu kien ħalla ordni li jekk ir-rizultat kien wieħed negattiv kellhu jsir minnufih CT scan u jekk dan ma kienx iħalli rizultat sodisfaċenti kellha ssir proċedura medika oħra. Sfortunatament, ġara dak li ġara. Hawnhekk, għandu jingħad illi l-metodu kif isiru dawn l-affarijiet, kif jirrizulta mill-provi, dak iż-żmien kien wieħed tad-dilettanti. Il-Qorti

hi nfurmata li ftit wara dan il-każ ġew istitwiti protokolli mediċi biex jiġi zgurat li każ ieħor bħal dan ma jiġrix.

Illi minn imkien mill-provi prodotti ma jirrizulta li l-imputat Dr. Joseph Farrugia kien traskurat, negliġenti jew wera nuqqas ta' ħila fil-professjoni tiegħu.

Illi meta l-pazjenta ġiet ammessa l-ITU jidher li kien hemm ċerta passivita' fl-immaniġġar ta' din il-pazjenta u forsi hemmhekk setgħa jsir ħarira iżjed fil-konfront tagħha.

Illi f'din il-materja qed issir referenza għall-kawża fl-ismijiet: "Il-pulizija vs. Perit Louis Portelli (Apell Kriminali) deċiza fl-4 ta' frar, 1961 mill-Imħallef Joseph Flores. F'din il-kawża ġiet analizzat fil-fond ir-responsabilita' ta' professjonist fil-qadi ta' dmirijietu. Ikun utli li tlett siltiet minn din is-sentenza jiġu riprodotti –

"Għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju hu meħtieġ li tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawżalita' minn event dannus involontarju;
"Għall-aċċertament ta' ħtija minħabba kondotta negliġenti għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma dik tal-'bonus pater familias';

"Fil-każ tal-professjonista, id-diligenza li dan għandu jadopera hi dik ta' bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tiegħu. Jekk jieħu żball fil-professjoni tiegħu, hu ma jirrispondiex għad-danni, jekk l-iżball ma jkunx grossolan, u jekk tkun ġiet minnu adoperata d-diligenza ordinarja li trid il-liġi. Huwa mhux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, ammenokke' dan l-iżball ma jkunx grossolan, u ammenokke' l-ħtija ma tkunx tista' tiġi lilu addebitata minħabba nuqqas ta' prudenza u attenzjoni ta' missier tajjeb tal-familja."

Illi fil-każ in eżami il-komportamenti taż-żewġ imputati jirispekkja perfettament l-komportament ta' professjonisti serje li għamlu d-djanjożi rispettiva u minn imkien ma tirrizulta kondotta volontarja negliġenti jew traskurata. Huma għamlu d-dover tagħhom u minn imkien ma

jirrizulta li l-mewt tal-pazjenta hi kosegwenza ta’ xi azzjon diretta tagħhom jew nuqqas li jieħdu xi azzjoni.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużа miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------